**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi*

**2017/2131(INL)**

17.5.2018

# OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar is-sitwazzjoni fl-Ungerija (wara r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Mejju 2017)
(2017/2131(INL))

Rapporteur għal opinjoni: Maria Noichl

(Inizjattiva – Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura)

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

– wara li kkunsidra r-rapport tas-27 ta' Mejju 2016 tal-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar il-kwistjoni tad-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-liġi u fil-prattika[1],

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati mill-Kummissjoni Ewropea f'dak li jikkonċerna d-dritt tal-UE dwar it-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (Direttiva dwar it-Trattament Ugwali, Direttiva 2006/54/KE) kif ukoll id-Direttiva dwar il-Liv tal-Maternità (Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE), is-27 ta' April 2917,

A. billi, l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistabbilixxi li l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija prinċipju fundamentali tal-Unjoni, li għaldaqstant trid tkun ukoll waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Istati Membri kollha;

B. billi l-Unjoni Ewropea hija msejsa fuq l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, u billi dawk il-valuri huma universali u komuni għall-Istati Membri kollha (l-Artikolu 2 tat-TUE);

C. billi l-Ungerija tokkupa, b'50,8 punti, it-tieni post mill-aħħar fil-paragun Ewropew tal-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2017 tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u, barra minn hekk, tilfet 1,6 punti mill-2010 'l hawn;

D. billi hija aspettattiva leġittima li l-organizzazzjonijiet mhux governattivi jkollhom sfond finanzjarju trasparenti;

E. billi l-Ungerija ġiet ikkritikata ferm minn diversi organizzazzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem minħabba l-ostilità tagħha fil-konfront tad-drittijiet tal-bniedem u r-restrizzjonijiet imposti fuq il-funzjonament tas-soċjetà ċivili tagħha, inklużi l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa; billi r-regolamenti u l-politiki restrittivi li ġew stabbiliti, kif deskritt hawn taħt, ostakolaw b'mod sinifikanti l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa li jipprovdu servizzi uniċi għall-vittmi ta' vjolenza sessista u domestika, u poġġewhom f'riskju li jiġu esklużi mit-taxxa u benefiċċji oħra;

F. billi l-Ungerija hija waħda mill-pajjiżi ewlenin ta' oriġini tal-vittmi ta' traffikar tal-bniedem fl-Unjoni;

G. billi, għad li l-Ungerija għandha sistema nazzjonali tas-saħħa u assigurazzjoni tas-saħħa pubblika b'saħħithom, u minkejja r-rakkomandazzjonijiet ta' diversi korpi li jissorveljaw it-trattati tan-NU, l-ispiża ta' kontraċezzjoni moderna hija għalkollox eskluża mill-iskema tas-saħħa Ungeriża, li ma toffri l-ebda rimborż għal ebda metodu ta' kontraċeżżjoni u għaldaqstant toħloq ostaklu għall-ippjanar tal-familja modern, u billi l-Ungerija hija wieħed mill-ftit Stati Membri li jirrikjedi preskrizzjoni għal

[1] http://www.ohchr.org/EN/NewsEvents/Pages/DisplayNews.aspx?NewsID=20027&LangID=E

kontraċezzjoni ta' emerġenza jew il-pillola tal-jum ta' wara, u dan imur kontra r-rakkomandazzjoni tal-2015 min-naħa tal-Kummissjoni li l-kontraċettivi ta' emerġenza jsiru disponibbli mingħajr riċetta; billi, bl-eċċezzjoni tal-kura ta' emerġenza, migranti nisa mingħajr dokumenti ma jistgħux ikollhom aċċess għall-kura tas-saħħa, u dan jimpedihom ukoll milli jiksbu kura prenatali; billi, minkejja t-tħassib tal-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa (CEDAW), li talab lill-gvern jiżgura l-aċċess għal abort sigur mingħajr ma jissottoponi lin-nisa għal konsulenza obbligatorja u perjodu ta' stennija mhux neċessarju mil-lat mediku, dawk ir-rekwiżiti għadhom qed jiġu pprattikati u l-abort mediku għadu mhux disponibbli, u għaldaqstant jikkomplika u jistigmatizza l-aċċess tan-nisa għal dawk is-servizzi ta' kura tas-saħħa;

H. billi d-definizzjoni ta' familja fil-kostituzzjoni Ungeriża bħala "żwieġ u relazzjonijiet bejn żewġ persuni msieħba bit-tfal" m'għadhiex rilevanti u hija bbażata fuq twemmin konservattiv; billi ż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess huwa pprojbit; billi kważi 70 % tar-rispondenti fl-istħarriġ tal-2014 dwar l-LGBT tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali rrappurtaw li jevitaw ċerti postijiet minħabba li jibżgħu li jiġu intimidati jew attakkati inkwantu LGBTI;

I. billi minn 47 membru tal-Kunsill tal-Ewropa, s'issa 30 irratifkaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul u 15-il membru oħra, inkluża l-Ungerija, iffirmaw il-Konvenzjoni iżda għadhom ma rratfikawhiex; billi l-proċess ta' ratifikazzjoni fl-Ungerija ilu ma jara progress minn Frar 2017; billi, minkejja li l-leġiżlazzjoni li tikkriminalizza l-vjolenza domestika ġiet introdotta fl-2013, l-implimentazzjoni tagħha hija problematika u d-definizzjoni ta' vjolenza domestika ma tinkludix vjolenza sesswali; billi, barra minn hekk, l-Ungerija m'għandhiex strateġija olistika jew pjan ta' azzjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa; billi l-aħħar riċerka li saret mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) turi li teżisti evidenza ta' vjolenza sessista mifruxa: skont id-data tal-2015 mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, 27,7 % tan-nisa fl-Ungerija ġarrbu vjolenza fiżika, vjolenza sessista, jew it-tnejn, mindu kellhom 15-il sena, u ta' kull sena minn tal-inqas 50 mara jinqatlu minn qrabathom jew mis-sieħeb tagħhom, u mijiet ta' eluf ta' nisa jiġu abbużati regolarment fil-familji tagħhom; billi, skont l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, fil-95 % tal-każijiet min iwettaq il-vjolenza huwa raġel u l-vittma hija mara jew tifla, u billi bosta nisa joqogħdu lura milli jirrappurtaw l-abbuż peress li fl-għases tal-pulizija u fil-qrati jsibu ruħhom f'ambjent ostili; billi l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura ġeneralment mhumiex effikaċi meta jiġu biex ifittxu u jressqu quddiem il-ġustizzja l-awturi tal-abbuż, u dan ikompli jiskoraġġixxi lill-vittmi tal-vjolenza milli jirrappurtaw, u jrawwem sfiduċja fl-awtoritajiet; billi fost l-awtoritajiet u ċ-ċrieki soċjali teżisti kultura li tpoġġi l-ħtija fuq il-vittmi;

J. billi CEDAW fl-osservazzjonijiet finali tiegħu tal-2013 stieden lill-Ungerija, fost rakkomandazzjonijiet oħra, tirrieżamina l-politiki tagħha f'dak li jikkonċerna l-familja u l-ugwaljanza bejn is-sessi bil-għan li tiżgura li l-politiki fil-qasam tal-familja ma jillimitawx lin-nisa milli jgawdu b'mod sħiħ id-dritt tagħhom għan-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza, tiżgura rimedji xierqa għall-vittmi ta' diskriminazzjoni abbażi ta' fatturi trasversali, twettaq b'mod sistematiku valutazzjonijiet tal-impatt fir-rigward tal-ġeneri fuq il-liġijiet attwali u l-liġijiet proposti, u tiżgura li l-qafas leġiżlattiv il-ġdid ma jwassalx għal rigressjoni bl-implimentazzjoni tiegħu; billi, s'issa, l-ebda gvern ma

implimenta kif suppost dawk ir-rakkomandazzjonijiet; billi ma ġie elaborat ebda pjan ta' implimentazzjoni għal dawk ir-rakkomandazzjonijiet;

K. billi stereotipi sessisti u suppożizzjonijiet dannużi f'dak li jikkonċerna r-rwoli tan-nisa, inkluża d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess huma ferm mifruxa fis-soċjetà Ungeriża; billi l-gvern Ungeriż jadotta approċċ rigressiv fejn jidħlu kwistjonijiet dwar il-ġeneru, u jippromwovi "l-integrazzjoni tal-familji" – li tieħu post l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri – fil-kuntest ta' żieda demografika mixtieqa, u jinterpreta u jużа ħażin il-kunċetti ta' "ġeneru" u "ugwaljanza bejn il-ġeneri";

L. billi r-rata tal-qgħad fost in-nisa fl-Ungerija żdiedet b'mod sinifikanti meta mqabbla mal-livell tal-2010;

1. Jinnota l-isforzi li saru f'dawn l-aħħar snin biex tinkiseb rikonċiljazzjoni aħjar tax-xogħol u l-ħajja privata; ifakkar fil-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw[1], ippreżentata f'April 2017, u jħeġġeġ lill-gvern Ungeriż jikkontribwixxi għall-adozzjoni rapida tagħha;

2. Jilqa' l-fatt li bejn l-2010 u l-2016 il-postijiet disponibbli fin-nurseries żdiedu b'madwar 23 % u li fl-2017 l-Ungerija introduċiet sistema ta' nurseries ġdida u aktar flessibbli li tallinja aħjar maċ-ċirkostanzi lokali u tgħin lin-nisa jirritornaw fis-suq tax-xogħol;

3. Jiddeplora, madankollu, il-fatt li l-Ungerija għadha ma ssodisfatx il-Miri ta' Barċellona tal-Unjoni, u jistieden lill-Gvern Ungeriż jipprijoritizza dawk il-miri u jadatta l-politiki tiegħu dwar il-familja għall-ħtiġijiet tal-aktar membri vulnerabbli tas-soċjetà;

4. Jiddeplora l-interpretazzjoni mill-ġdid tal-politiki ta' ugwaljanza bejn is-sessi favur il-politiki dwar il-familja u r-restrizzjoni tagħhom, u jfakkar fl-Istrateġija Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza Soċjali tan-Nisa u l-Irġiel – Għanijiet u Objettivi 2010-2021, li l-Ungerija għadha ma implimentatx; josserva li l-interpretazzjoni ħażina tal-kunċett ta' ġeneru ddominat id-diskussjoni pubbika fl-Ungerija u jiddeplora din l-interpretazzjoni ħażina intenzjonata tat-termini "ġeneru" u "ugwaljanza bejn il-ġeneri"; jenfasizza li l-għan tal-politika dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-oqsma kollha tas-soċjetà jrid ikun li tiżgura li ħadd ma jiġi diskriminat abbażi tal-ġeneru tiegħu jew tagħha, u li d-drittijiet ta' kull individwu huma ssalvagwardati u li l-involviment tan-nisa u l-irġiel fil-livelli kollha tal-ħajja soċjali fuq bażi ugwali jiġi ggarantit; jitlob, għaldaqstant, li jsir ritorn għall-idea ta' integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri bħala għodda analatika għat-tfassil tal-politiki, u li tiġi implimentata strateġija nazzjonali b'dawk l-objettivi fl-oqsma kollha; jistieden lill-gvern Ungeriż jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-2013 ta' CEDAW mingħajr dewmien ulterjuri, u li jelabora u jaġġorna l-Istrateġija Nazzjonali wieqfa tiegħu jew jissostitwiha bi strateġija ġdida b'rabta mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u fl-istess ħin jiżgura skadenzi konkreti u atturi responsabbli, u jipprovdi finanzjament u mekkaniżmi ta' monitoraġġ għall-implimentazzjoni effikaċi tal-istrateġija, filwaqt li jikkonsulta l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa tul il-proċess;

5. Jiddeplora d-definizzjoni limitata ta' familja li tiddiskrimina kontra l-koabitanti u l-

[1] COM(2017)0253.

koppji tal-istess sess; iffakkar lill-Ungerija li d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali hija pprojbita;

6. Jenfasizza l-importanza tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet politiċi, ekonomiċi u soċjali tagħhom, bħala prekundizzjoni għal ambjent fejn il-familji jistgħu jikbru;

7. Jiddeplora l-għadd baxx ħafna ta' nisa f'pożizzjonijiet ta' teħid ta 'deċiżjonijiet politiċi u, b'rabta ma' dan, il-fatt li s'issa 10 % biss tal-membri tal-Parlament Ungeriż kienu nisa, l-aktar proporzjon baxx fl-Istati Membri, u li m'hemm l-ebda ministru mara fil-gvern nazzjonali; jenfasizza li l-involviment tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi fuq bażi ugwali mal-irġiel huwa fundamentali għad-demokrazija; ifakkar fir-rakkomandazzjonijiet ta' CEDAW u OSKE għall-implimentazzjoni ta' kwoti leġiżlattivi għall-elezzjonijiet nazzjonali; jisħaq fuq il-punt li l-partiti politiċi għandhom imexxu bl-eżempju f'dak li jikkonċerna l-opportunitajiet ugwali u l-bilanċ bejn is-sessi u jintroduċu miżuri leġiżlattivi effikaċi biex iżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-ħajja politika u fit-teħid ta' deċiżjonijiet; josserva li bilanċ aħjar bejn il-ħajja professjonali u l-ħajja privata b'responsabilità kondiviża bejn il-ġenituri huma passi importanti lejn rappreżentanta ogħla tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi fil-livelli kollha;

8. Jinnota li r-rata ta' impjieg attwali tan-nisa hija 61,2 %, filwaqt li l-akbar titjib fl-impjieg tan-nisa jinsab fil-grupp ta' nisa li jrabbu tfal taħt is-6 snin, fid-dawl tal-miżuri pożittivi meħuda mill-gvern Ungeriż mill-2010 'l hawn biex jgħin lill-familji u lin-nisa bit-tfal, li jinkludu, *inter alia*, "l-allokazzjoni supplimentari għall-indukrar tat-tfal" u s-sistema ta' day-care l-ġdida;

9. Jilqa' l-fatt li mill-2010 'l hawn il-gvern Ungeriż adotta bosta miżuri soċjali fil-qasam tal-inklużjoni soċjali, il-politika dwar il-familja, il-politika dwar is-saħħa u l-edukazzjoni, indirizzati, fost l-oħrajn, għar-Rom, bħall-programm tas-saħħa tal-omm u t-tfal Rom, it-taħriġ ta' konsultenti Rom fil-qasam tas-saħħa u rappreżentanti Rom fil-qasam tas-saħħa kif ukoll programmi ta' żvilupp tal-edukazzjoni bikrija tat-tfal; iħeġġeġ lill-gvern Ungeriż ikompli jimplimenta dawk il-politiki u miżuri u jipprovdi evidenza mill-aktar fis possibbli dwar l-impatt tagħhom fuq in-nisa Rom;

10. Jinsab imħasseb dwar l-ispazju dejjem jiċkien għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, it-tentattivi biex jiġu kkontrollati l-NGOs billi tiġi ristretta l-abilità tagħhom li jwettqu l-ħidma leġittima tagħhom; Jinsab imħasseb dwar l-impatt tal-Liġi tal-Ungerija dwar it-Trasparenza tal-Organizzazzjonijiet li Jirċievu Fondi Barranin fuq l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirċievu fondi mill-UE, miż-ŻEE u minn pajjiżi terzi, kif ukoll l-introduzzjoni tal-hekk imsejjaħ pakkett leġiżlattiv "Stop Soros"; jenfasizza li dawk l-iżviluppi għandhom impatt negattiv fuq il-funzjonament ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi, inklużi bosta organizzazzjonijiet li jaħdmu għad-drittijiet tan-nisa, persuni LGBTI, persuni b'diżabilità, minoranzi etniċi u reliġjużi, migranti, rifuġjati, persuni li jfittxu ażil u gruppi oħra f'sitwazzjoni vulnerabbli u li huma kruċjali għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-funzjonament u l-progress tas-soċjetà peress li jipprovdu servizzi, jissensibilizzaw lill-professjonisti u lill-pubbliku u jipparteċipaw fil-bini tal-kapaċitajiet, kif ukoll jappoġġaw u jikkontribwixxu għall-bidliet leġiżlattivi u politiċi biex itejbu l-ugwaljanza; jinnota bi tħassib l-atmosfera fis-soċjetà, imħeġġa mill-politiki implimentati tul l-aħħar snin, u

jikkundanna l-isfiduċja u l-ostilità li bosta difensuri tad-drittijiet tan-nisa u akkademiċi jħabbtu wiċċhom magħhom minħabba l-impenn tagħhom; iħeġġeġ lill-gvern Ungeriż jippromwovi u jtejjeb id-demokrazija u l-kwistjonijiet marbuta mad-drittijiet tal-bniedem u jħassar il-liġijiet li jistigmatizzaw dawk l-organizzazzjonijiet li jużaw finanzjament barrani; iħeġġeġ lill-gvern biex minflok juża l-għarfien espert u l-esperjenzi tal-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa meta jippjana u jimplimenta miżuri leġiżlattivi u politiki fil-qasam tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa, u biex jagħmel użu adegwat mill-fora konsultattivi stabbiliti f'dan ir-rigward;

11. Jipproponi li jiġi stabbilit Fond Ewropew tad-Demokrazija intern għall-appoġġ imsaħħaħ għas-soċjetà ċivili u l-NGOs li jaħdmu fl-oqsma tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem li għandu jkun ġestit mill-Kummissjoni bil-għan li jissaħħu l-atturi tas-soċjetà ċivili bħall-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet;

12. Jiddispjaċih li l-iżviluppi fl-Ungerija wasslu għad-deterjorament serju tal-istat tad-dritt tul dawn l-aħħar snin, li mingħajru ma jistgħux ikunu ggarantiti b'mod suffiċjenti u b'mod mhux diskriminatorju d-drittijiet li għandhom x'jaqsmu man-nisa u n-nisa tal-minoranzi bħar-Rom, il-migranti u l-LBT;

13. Jinsab imħasseb dwar il-klima ostili lejn il-migranti u r-rifuġjati fl-Ungerija; jikkundanna d-diskors ta' mibegħda mlissen minn uffiċjali tal-istat u tal-gvern; jistieden lill-gvern Ungeriż jiżgura li d-drittijiet tal-bniedem tal-migranti u r-rifuġjati jiġu msaħħa;

14. Ifakkar li l-vjolenza fuq in-nisa fl-Ungerija, bħal fl-Istati Membri l-oħra kollha, tikkostitwixxi ksur strutturali persistenti tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-gvern Ungeriż jirratifika l-Konvenzjoni ta' Istanbul mingħajr riżervi mill-aktar fis possibbli u jimpenja ruħu li jinkorpora d-dispożizzjonijiet tagħha fid-dritt nazzjonali, li jkun pass importanti fil-bdil tan-norma kulturali tal-abbuż domestiku u fil-protezzjoni tal-vittmi nisa u bniet tal-vjolenza; jikkundanna l-fatt li l-vjolenza domestika trid titwettaq darbtejn qabel ma tiġi meqjusa bħala reat kriminali; jitlob li l-entitajiet li jipprovdu informazzjoni, pariri u assistenza jkomplu jirċievu finanzjament, bħala mezz biex jiġu offruti protezzjoni u sigurtà lin-nisa; jistieden lill-Kummissjoni tkompli d-djalogu tagħha mal-gvern Ungeriż, f'kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa, u tindirizza t-tħassib tagħha u, b'mod partikolari, tikkjarifika interpretazzjonijiet qarrieqa tal-Konvenzjoni ta' Istanbul dwar id-definizzjoni ta' vjolenza sessista u d-definizzjoni ta' ġeneru fl-Artikolu 3(c) u (d), li bħalissa qed jimpedixxu approċċ komprensiv għall-Konvenzjoni, f'konformità mar-Rimarki Ġenerali tal-Kummissarju tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa;

15. Jistieden lill-gvern Ungeriż jemenda l-Kodiċi Kriminali bil-għan li fid-definizzjoni ta' vjolenza domestika jinkludi l-atti kollha ta' vjolenza fiżika, inklużi ħsara fiżika, offiża jew attakk fuq il-persuna, vjolenza sesswali, stalking u fastidju, każijiet fejn il-vittma tiġi mġiegħla tgħix fil-biża' li ssirilha ħsara fiżika, li ġġarrab offiża jew attakk fuq il-persuna tagħha, u l-kontroll koerċittiv, jiġifieri vjolenza psikoloġika u ekonomika li tagħmel parti minn xejra ta' dominanza permezz tal-intimidazzjoni, l-iżolazzjoni, id-degradazzjoni, it-tiċħid kif ukoll l-attakk fiżiku; jistieden ukoll lill-gvern Ungeriż jemenda l-Att dwar l-Ordnijiet ta' Trażżin bil-għan li jespandi l-ambitu tal-vittmi tal-vjolenza domestika biex jinkludi u jipproteġi l-vittmi kollha, inklużi dawk li ma jgħixux

flimkien jew li m'għandhomx tfal ma' min jabbużahom, jew li ma jitqisux bħala qraba (eż. sħab intimi), u bil-għan li jespandi l-perjodu tal-projbizzjoni fuq il-kuntatt għal kemm ikun meħtieġ; jistieden, finalment, lill-gvern Ungeriż jemenda l-leġiżlazzjoni proċedurali bil-għan li jiżgura li l-vjolenza domestika tikkostitwixxi reat u tiġi soġġetta għal prosekuzzjoni pubblika b'sanzjonijiet;

16. Jirrakkomanda b'insistenza li l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura jiġu mħarrġa dwar l-aqwa standards ta' prattika f'dak li jikkonċerna l-ġlieda kontra l-vjolenza domestika, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi u f'konformità mal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali; jirrakkomanda b'insistenza, barra minn hekk, li jiġi pprovdut taħriġ adegwat u tingħata attenzjoni xierqa lir-rwol tal-persunal mediku fil-prevenzjoni tal-vjolenza domestika u r-rispons għaliha, u li tiżdied il-kapaċità tal-persunal tal-kura tas-saħħa għal dan il-għan;

17. Jirrikonoxxi l-isforzi li saru fil-liġijiet kontra t-traffikar tal-bnedmin u jħeġġeġ lill-gvern ikompli jtejjeb il-ġbir tad-data tiegħu, itejjeb is-servizzi għall-vittmi tat-traffikar u jindirizza d-domanda billi jikkriminalizza x-xiri ta' servizzi mill-vittmi ta' traffikar, inklużi s-servizzi sesswali;

18. Jisħaq fuq l-importanza tad-dritt tan-nisa għall-awtodeterminazzjoni u, f'dan il-kuntest, l-importanza li jiġu rrispettati d-drittijiet sesswali u riproduttivi tagħhom, inkluża kura rapida f'każ ta' abort, billi jiġi żgurat li l-kontraċezzjoni ta' emerġenza tkun faċilment aċċessibbli u li jiġu rispettati d-drittijiet tal-pazjenti li jwelldu f'kundizzjonijiet sikuri, mhux vjolenti u ċċentrati fuq in-nisa; iħeġġeġ lill-gvern Ungeriż jiżgura l-aċċess għal metodi kontraċettivi aċċessibbli billi b'mod sħiħ jew parzjali jkopri l-ispejjeż ta' metodi kontraċettivi moderni taħt l-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika tiegħu u biex itejjeb l-aċċess għall-kontraċezzjoni ta' emerġenza billi jelimina r-rekwiżit ta' preskrizzjoni; jistieden lill-gvern Ungeriż jelimina l-ostakli fl-aċċess għal servizzi ta' abort sikur, bħan-nondisponibilità tal-abort mediku, pariri preġudikati u r-rekwiżiti obbligatorji ta' perjodu ta' stennija;

19. Jikkundanna bil-qawwa, f'dan il-kuntest, it-trattament ħażin u d-diskriminazzjoni tal-minoranzi, b'mod partikolari fil-konfront tan-nisa Rom, f'oqsma bħall-aċċess għall-kura tas-saħħa; jiġbed l-attenzjoni għall-każijiet ta' sterilizzazzjoni furzata li saru magħrufa u li jikkostitwixxu ksur inaċċettabbli tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa kkonċernati; jiddenunzja b'mod partikolari r-restrizzjonijiet dannużi fil-konfront ta' migranti nisa mingħajr dokumenti li huma esklużi minn kwalunkwe aċċess għall-kura medika li mhijiex kura ta' emerġenza;

20. Jirrikonoxxi li l-programmi mnedija, li għandhom l-għan li jrawmu l-edukazzjoni u l-impjieg tan-nisa Rom, se jħarrġu lill-indokraturi soċjali, l-infermiera u l-assistenti soċjali f'istituzzjonijiet soċjali, għall-benesseri tat-tfal, il-protezzjoni tat-tfal u l-edukazzjoni, u li l-fondazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tal-knisja, kif ukoll l-istat, se jirċievu sostenn għall-impjieg tan-nisa Rom; jitlob lill-gvern Ungeriż jipprovdi informazzjoni u ċifri dwar l-impatt konkret ta' dawk il-programmi;

21. Jilqa' l-istabbiliment tal-Kummissjoni Presidenzjali għan-Nisa b'Karrieri fil-qasam tar-Riċerka fi ħdan l-Akkademja Ungeriża tax-Xjenzi, li għandha l-objettiv li żżid il-proporzjon ta' nisa fost il-professuri u t-tobba tal-Akkademja Ungeriża tax-Xjenzi kif ukoll iżżid l-interess tal-bniet fl-edukazzjoni fil-qasam tax-xjenzi naturali;

22. Jikkundanna l-attakki fuq il-libertà tat-tagħlim u r-riċerka, b'mod partikolari fuq l-istudji dwar il-ġeneru li għandhom l-għan li janalizzaw ir-relazzjonijiet tal-poter, id-diskriminazzjoni u r-relazzjonijiet bejn il-ġeneri fis-soċjetà u jsibu soluzzjonijiet għall-forom ta' inugwaljanza, u li saru l-mira ta' kampanji ta' malafama; jitlob li l-prinċipju demokratiku fundamentali tal-libertà tal-edukazzjoni jerġa' jiġi stabbiliti bis-sħiħ u salvagwardat;

23. Jenfasizza l-importanza ta' trobbija u edukazzjoni mingħajr preġudizzji u mingħajr stereotipi; jitlob li dan jiġi kkunsidrat meta jitfassal kurrikulu nazzjonali ġdid, bil-ħsieb li fil-ġejjieni tiġi ggarantita edukazzjoni li ma tħeġġiġx l-istereotipizzazzjoni u t-tkasbir tan-nisa u l-bniet, kif ukoll tal-irġiel u s-subien;

24. Jesprimi tħassib dwar il-politiki implimentati f'dawn l-aħħar snin u l-użu ta' retorika u simboli biex tinħoloq attitudni, mifruxa ħafna fis-soċjetà, li ċċekken lin-nisa għar-rwol ta' ommijiet u tirrispettahom biss f'dak ir-rwol; josserva li dan jillimita l-libertà kemm tal-irġiel u kif ukoll tan-nisa li jiżviluppaw u jieħdu deċiżjonijiet, u jċaħħad lin-nisa mid-drittijiet tagħhom;

25. Jenfasizza li d-drittijiet tan-nisa u d-drittijiet ugwali huma valuri Ewropej kondiviżi u fundamentali; jiddeplora l-fatt li l-Ungerija kulma jmur qed tagħti dahra lil dawk il-valuri u għaldaqstant qed tiżola ruħha;

26. Jemmen li s-sitwazzjoni kurrenti fl-Ungerija tirrappreżenta riskju ċar ta' ksur serju tal-valuri msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE u tiġġustifika l-varar tal-proċedura spjegata fl-Artikolu 7(1) tat-TUE;

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 15.5.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 18<br>–: 5<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Beatriz Becerra Basterrechea, Malin Björk, Vilija Blinkevičiūtė, Anna Maria Corazza Bildt, Iratxe García Pérez, Arne Gericke, Anna Hedh, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Florent Marcellesi, Angelika Mlinar, Krisztina Morvai, Maria Noichl, Marijana Petir, Pina Picierno, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Anna Záborská, Maria Gabriela Zoană |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Mylène Troszczynski, Julie Ward |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | José Blanco López, Benedek Jávor, Merja Kyllönen, Ulrike Müller, Julia Reda, Barbara Spinelli |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 18 | + |
|---|---|
| ALDE | Beatriz Becerra Basterrechea, Angelika Mlinar, Ulrike Müller |
| GUE/NGL | Malin Björk, Merja Kyllönen, Barbara Spinelli |
| PPE | Anna Maria Corazza Bildt |
| S&D | José Blanco López, Vilija Blinkevičiūtė, Iratxe García Pérez, Anna Hedh, Maria Noichl, Pina Picierno, Julie Ward, Maria Gabriela Zoană |
| VERTS/ALE | Benedek Jávor, Florent Marcellesi, Julia Reda |

| 5 | - |
|---|---|
| ECR | Arne Gericke |
| ENF | Mylène Troszczynski |
| NI | Krisztina Morvai |
| PPE | Marijana Petir, Anna Záborská |

| 3 | 0 |
|---|---|
| PPE | Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Elissavet Vozemberg-Vrionidi |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni